MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 505/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**

**VS**

**VINCENT ABELA**
**(ID Nru. 1034346M)**

Illum, 11 ta` Dicembru, 2014.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 1034346M.

**Akkuzat talli:**

1. Fis-sebgha (7) ta` Ottubru 2013 ghal habta tas-sebgha u nofs ta` filghodu (07:15hrs), gewwa Birzebbugia, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta` Birzebbugia u / jew persuni ohra.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li rat il-koperazzjoni tal-imputat mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Wara li hadet in kosiderazzjoni r-risargiment li l-imputat ghamel immedjatament tad-danni meta mitlub;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-eta` tal-imputat;

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------